**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Brian Caruana**

Numru: 35/2016

Illum 17 ta' Novembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Brian Caruana,** ta' wieħed u erbgħin (41) sena, iben Francis u Carmen nee' Fenech, imwieled Pieta', Malta fit-2 ta' Jannar 1975, residenti fil-fond numru 1, Saint Anthony Alley, Ħamrun, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 58575(M), akkużat talli bejn l-1 u t-2 ta' Marzu 2014, u fil-jiem ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa

Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) (Dok. "D").

Semgħet, waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021 lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li se toqgħod fuq il-provi prodotti in atti;

Semghet, waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021 Sottomissjonijiet da parte ta' Dr. Michael Sciriha għall-imputat.

**Il-fatti tal-każ**

Fil-lejl ta' bejn l-ewwel u t-tnejn ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) membri tal-iskwadra tad-Drug Squad immexxija mill-Ispettur Gabriel Micallef kienu marru jagħmlu xi spezzjonijiet ġewwa Għawdex minħabba li dak kien il-weekend tal-karnival fejn waqt li kienu qegħdin

ġewwa l-Pyramid Club fir-Rabat, Għawdex kienu nnotaw lill-imputat, u cioe' lil Brian Caruana, f'kuridur fejn kien hemm it-toilets tal-klabb. Huwa ġie arrestat minħabba l-fatt li l-istess pulizija li kienu qed jagħmlu l-ispezzjonijiet hemmhekk, u cioe' l-Ispettur Gabriel Micallef, u kien hemm ukoll PC 44 rawh jarmi xi affarijiet li wara rriżultaw li kienu pirmli u kif ukoll sustanza bajda suspettata droga.

## XHIEDA

***F'dan il-każ xehdu tmien (8) xhieda:***

*WPS 44 Graziella Farrugia (a fol. 21 et seq.), Spettur Frank Anthony Tabone (a fol. 25 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 31), Profs. Emanuel Sinagra (a fol. 33 et seq.), Spettur Gabriel Micallef (a fol. 53), WPS 33 Graziella Farrugia (a fol. 59 et seq.), Spettur Gabriel Micallef – in kontro-eżami (a fol. 72 et seq.) u l-imputat Brian Caruana (a fol. 84 et seq.).*

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bżonn li din tkun riprodotta kollha f'din is-sentenza iżda se ssir referenza għall-punti li huma importanti biex ikun trattat u deċiż dan il-każ.

## KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

### Il-verita' storika[1]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu

[1] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa

mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[2] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[3] Lord Moses stqarr hekk :

[2] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[3] ibid.

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

In oltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[4] jgħidu s-segwenti:

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[5] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx

[4] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

[5] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti: -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bzonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Inglizi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu għaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diġa' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita' tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli,

cioe'oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ**Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkużi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża

fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni*

*dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[6]

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat, is-sottomissjonijiet ta' difiza li qajjem l-imputat u jekk tali akkużi irriżultawx ippruvati. Il-Prosekuzzjoni straħet fuq il-provi u m'għamlet l-ebda sottomissjonijiet.

**Il-Qorti terġa' tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan il-każ seħħ fl-2014 u kien biss sentejn wara li ttieħdu passi kontra l-imputat. L-uffiċjali investigaturi għandhom jifhmu darba għal dejjem li la hu ġust għall-imputat u lanqas għas-soċjeta' li meta jkun investigat każ bħal dan jittieħdu sentejn biex jinbdew il-proċeduri, imbagħad ħames snin oħra biex instemgħu biss tmien xhieda. Dwar dan id-dewmien għandu piż x'jerfa' l-Uffiċċjal Prosekutur anke għall-fatt li ma kienx baqa' jifforma parti mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Meta jiġri dan għandu jkun hemm handover lil uffiċċjal ieħor u mhux nispiċċaw b'każ li jimxi bis-sulluzzu. L-imputat għandu wkoll tort għad-dewmien tant li għal xhur sħaħ kien jidher l-avukat difensur tiegħu u kien jinforma lill-Qorti li l-imputat ma kienx qiegħed jagħmel kuntatt miegħu.**

[6] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

Fis-sentenza il-**Pulizija vs Jason Mallia** (02/09/1999) intqal li:

> **"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "*li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv*" tal-hati. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe' li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."**

Illi magħmula din id-distinzjoni xorta waħda bħal fil-liġi Ingliża l-prova tista' ssir minn inferenza taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-ġurispridenza brittanika tindika hekk.

> *"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*

- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

- *Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative*

*significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 18*

- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to• an issue in the case.*[7]"

Illi magħmula allura din l-espożizzjoni ta' dritt bil-għan li jiġu stabbiliti dawk l-elementi meħtiega sabiex jirriżulta r-reat tal-pussess aggravat tad-droga, huwa bil-wisq evidenti illi hemm distinzjoni bejn dan ir-reat u r-reat tat-traffikar tal-istess u dan għaliex ikun hemm traffikar u komplicita' fit-traffikar meta xi ħadd ikun qiegħed jgħin biex id-droga titmexxa, element li mhuwiex meħtieg kif ingħad għar-reat tal-pussess aggravat.

**<u>Il-fatti kif ħarġu fil-każ</u>**

L-Uffiċċjal Prosekutur **<u>Gabriel Micallef</u>**[8] xehed:

*Fil-lejl ta' bejn l-ewwel (1) u t-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), dak iż-żmien kont għadni stazzjonat id-Drug Squad, konna qed nagħmlu spezzjonijiet ġewwa clubs fil-gżira ta' Għawdex. Għal ħabta tat-tlieta nieqes ħamsa ta' filgħodu (~ 2.55 a.m.) konna ġewwa klabb ir-Rabat, konna n-naħa ta' fejn hemm it-toilets, innutajna persuna illi kien daħal ġewwa t-toilet u reġa' ħareġ, deher daqsxejn konfuż, ġiena suspett fuqu u pruvajna nwaqqfuh, identifikajna ruħna bħala pulizija biex nagħmlu tfittxija. Dak il-ħin hu irritalja u beda jipprova jaħrab minn idejna. Spiċċajna biex ngħidu hekk nitmiegħku*

---

[7] www.cps.gov.uk
[8] Seduta tat-23 ta' Ottubru 2018

*mal-art biex inżommuh u sakemm qed nippruvaw inżommuh beda joħroġ pakketti minn ġol-but u jarmihom mal-art. Eventwalment kien ġie arrestat, inġabru l-pakketti li kont rajtu jien stess jarmi. Ingħata s-solitu twissija u ġie skortat l-għassa r-Rabat għal aktar investigazzjonijiet.*

Kontro-ezami[9]

*Difiża: Ara Sur Micallef, l-ewwel nett il-każ inkwistjoni, inti tista' tikkonferma li ġara bejn il-kwarta u n-nofssiegħa ta' filgħodu (00:15 – 00:30 a.m.) tal-lejl bejn l-ewwel u t-tnejn (1 – 2) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014)?*

*Ix-xhud: Kien fil-lejl ta' bejn l-ewwel u t-tieni ta' Marzu, iva. Xħin eżatt, jiena għandi nota li kien xi t-tlieta nieqes ħamsa (~ 2.55), imma naħseb li kien iktar kmieni.*

*Il-Qorti: Kien hemm korrezzjoni awtorizzata.*

*Difiża: Tal-akkuża?*

*Il-Qorti: Iva, kien hemm tnejn (2) ta' Marzu. Għamilna korrezzjoni awtorizzata, ma nafx x'kienet.*

*Ix-xhud: Kont emendajt li kienet bejn il-one u t-two l-akkuża.*

*Difiża: Jiġifieri jekk ngħidlek li kienet bejn il-kwarta u n-nofssiegħa, x'għandek xi tgħidli Spettur?*

*Ix-xhud: Kien border ma' nofsillejl, niftakar li kien border ma' nofsillejl; b'hekk kont emendajt l-akkuża bejn l-one u t-two għax minn arloġġ għal ieħor ivarja.*

*Difiża: Issa, inti dan l-inċident allegatament ġara l-Pyramid Club.*

*Ix-xhud: Sewwa.*

[9] Seduta tal-15 ta' Lulju 2020

*Difiża: Tista' tispjegali fejn huma t-toilets fil-Pyramid Club?*

*Ix-xhud: Mela, dħalt darba hemm ġew, kien dakinhar, tidħol fi klabb, dan qisu maħżen kbir, hemm taraġ on the right, hemm kuritur, u inti u dieħel f'dan il-kuritur, it-toilet qegħdin on the left.*

*Difiża: Jiġifieri tikkonferma li inti qabel ma tidħol għat-toilets ta' dan il-klabb hemm kuritur għalih dan?*

*Ix-xhud: Il-kuritur għat-toilets.*

*Difiża: Inti għandek kuritur, naqblu?*

*Ix-xhud: Eħe, eħe. ....................*

*Difiża: Tajjeb.*

*Ix-xhud: U l-kuritur fejn sar l-arrest ta' Brian.*

*Difiża: Intom qabel ma avviċinajtu lill-imputat, kemm kontu ilkom hemm fil-klabb?*

*Ix-xhud: Mela, fil-klabb ma tantx konna ilna; il-klabb kien għadu, dħalna niċċekkjaw it-toilets, hija rutina li mmorru niċċekkjaw it-toilets, għax ikun hemm ħafna abbuż ta' droga fit-toilets, ma kien hemm fit-toilets, kienu t-tnejn vojta, tan-nisa u tal-irġiel, waqafna qisna ngħidu kelma aħna stess hemmhekk f'dan il-kuritur, daħal Brian, daħal fit-toilet tal-irġiel u innutajnih li daħal u m'għamel xejn, ma użax it-toilets, u reġa' ħareġ. Dakinhar jiena niftakar li għamilt sinjal li sħabi biex inwaqqfuh u dak il-ħin konna waqqafnih.*

*Difiża: Din l-operazzjoni ta' mal-imputat kemm pressappoco domtu intom?*

*Ix-xhud: Sakemm sar l-arrest, għax kien irreżista naqra, sakemm sar l-arrest hemmhekk fil-kuritur, not more then minuta u nofs.*

*Difiża: Kien hemm xi diskors minn naħa tal-imputat waqt li kontu qed tagħmlulu l-inspection? X'kien qalilkom? Ara tiftakarx.*

*Ix-xhud:* *Le ta ma kienx qal xi ħaġa partikolari li għadni niftakarha.*

*Difiża: Jiġifieri ma tiftakarx eżattament x'kien spjegalkom dak il-ħin.*

*Ix-xhud:* *Le.*

*Difiża: Jew jekk kienx qal xi ħaġa?*

*Ix-xhud:* *Ma nafx. Jekk forsi tista' tgħidli x'kien qal, ngħidlek iva qalha.*

*Difiża: Ma qallek xejn. Jekk immorru għall-pilloli, inti tista' tgħidli kif sibtuhom imferrxin dawn il-pilloli?*

*Ix-xhud:* *Mela, kif spjegajt, kif morna avviċinajnih u għidnielu li aħna pulizija, prova jaħrab. Bdejna nissaraw miegħu biex inżommuh, baqa' jirreżisti, bdejna nippruva inniżżluh mal-art, kien liebes jeans, u xħin bdejna nniżluh mal-art jiena innutajtu li beda jdaħħal idejh fil-but u jagħmel moviment qed jarmi, u indunajt li beda jarmi l-affarijiet mal-art. Fil-fatt ġbit l-attenzjoni lil sħabi biex ma jħallux nies jidħlu 'l hemmhekk sabiex nippreżervaw l-affarijiet li beda jitfa' mal-art.*

*Difiża: Kemm kontu uffiċjali intom meta għamiltu din l-operazzjoni?*

*Ix-xhud:* *Dak il-ħin konna jiena, l-ex surġent 635, u s-surġenta 44.*

*Difiża: Jiġifieri tlieta?*

*Ix-xhud:* *Dak il-ħin niħħendiljaw lilu tlieta konna hemm ġew.*

*Difiża: Nerġa' nieħdok għall-pilloli. Jiġifieri dan quddiemkom beda jarmihom il-pilloli?*

*Ix-xhud:* *Iva, iva, rajtu jiena jdaħħal idejh fil-but, xħin konna qed nissaraw miegħu.*

*Difiża: U f'liema parti tal-kuritur waqqaftuh intom lill-imputat?*

*Ix-xhud:* *Quddiem it-toilets tal-irġiel.*

*Difiża: Quddiem it-toilets eżatt. Jiġifieri lejn l-aħħar tal-kuritur. Qed naqblu?*

*Ix-xhud: Il-kuritur tat-toilets stess, il-kuritur tat-toilets qisek ħiereġ 'il barra. Eżatt.*

*Difiża: Naqblu li kien hemm ukoll is-security tal-klabb li kien involut waqt din l-operazzjoni?*

*Ix-xhud: Is-security tal-klabb ħasbu li nqalgħet xi ġlieda, u ġew għalina, biex ngħidu hekk, għidnielhom li aħna pulizija, u ma komplewx jissaraw magħna għax kienu se jfixklu kollox biex ngħidu hekk.*

*Difiża: L-affarijiet li sibtu, id-drogi, naqblu li meta sibtuhom imferrxin kienu qalb in-nies?*

*Ix-xhud: Le, le, ma kien hemm ħadd fil-kuritur, fil-kuritur ma kien hemm ħadd ħlief aħna l-pulizija –*

*Difiża: fil-kuritur ma kien hemm ħadd; fil-klabb kien hemm nies?*

*Ix-xhud: Fil-klabb tista' tgħid ma kien hemm ħadd għax prattikament kien għadu vojt il-klabb, kien baħħ; infatti dħalna u erġajna ħriġna 'l barra u lanqas erġajna morna hemmhekk; imbagħad iffukajna fuq klabb ieħor, għax kien litteralment baħħ dan il-klabb.*

*Difiża: Inti tiftakar jekk sibtulux xi pakkett tas-sigaretti lill-imputat?*

*Ix-xhud: Le, ma niftakarx.*

*Difiża: M'għandekx fin-notamenti tiegħi li sibtulu xi pakkett tas-sigaretti.*

*Ix-xhud: Le. Ħa nikkonferma imma le. Le, m'għandix nota, "kellu pakketti tal-coke, tal- Ecstasy," suspettati coke u Ecstacy. Li niftakar kien maħmuġ, kellu, kien mimli għaraq, kellu ħmieġ ta' ġurnata sew fuqu, mhux tela' l-klabb dak il-ħin, kien ilu ġurnata jiġri barra żgur.*

L-**<u>ispettur (illum Supretendent) Frank Anthony Tabone[10]</u>** xehed li:

*Mela, fil-lejl ta' bejn l-ewwel u t-tnejn ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) membri tal-iskwadra tad-Drug Squad immexxija mill-Ispettur Gabriel Micallef kienu ġew għamlu xi spezzjonijiet ġewwa Għawdex minħabba li dak kien il-weekend tal-karnival fejn waqt li kienu qegħdin ġewwa l-Pyramid Club fir-Rabat, Għawdex kienu innotaw lill-imputat, u ċioe lil Brian Caruana, li qed nagħraf hawnhekk ġewwa l-awla fl-istess klabb fi kuridur fejn kien hemm it-toilets tal-klabb. Huwa ġie arrestat minħabba l-fatt li l-istess pulizija li kienu qed jagħmlu l-ispezzjonijiet hemmhekk, u ċioe l-Ispettur Gabriel Micallef, u kien hemm ukoll PC 44 rawh jarmi xi affarijiet li wara irriżultaw li kienu pirmli u kif ukoll sustanza bajda suspettata droga. Huma kienu ġabu lil Brian Caruana ġewwa l-għassa tar-Rabat, Għawdex, fejn hemmhekk għaddewli s-sustanza, u ċioé l-pirmli kif ukoll is-sustanza l-bajda u din qed tiġi esebita u immarkata bħala dok FT1. F'dan l-envelope li hu issiġillat hawn indikat l-isem tal-imputat Brian Caruana ID card 58575M u fuq in-naħa ta' wara, fuq is-siġill hemm il-firma tiegħi, il-firma tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri kif ukoll il-firma tal-imputat Brian Caruana. Huwa wkoll kien għażel li ma jikkonsultax ma' avukat qabel ma' jirrilaxxa l-istqarrija.*

Ix-xhud **WPS 44 Graziella Farrugia[11]** xehdet li:

*Mela nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) konna xogħol Għawdex rigward il-karnival. Fost dawn l-ispezzjonijiet morna*

[10] Seduta tat-28 ta' Lulju 2017
[11] Seduta tal-20 ta' April 2017

*ġewwa l-Pyramid Club fejn ġie mwaqqaf Brian Caruana li qed nagħraf hawnhekk fl-awla. Dan waqqfuh l-Ispettur Gabriel Micallef u l-ex surġent 635, u dan malli waqqfuh beda jirreżistihom u beda jarmi pakketti suspettati kokaina u pilloli suspettati ecstasy. Dawn irnexxielhom jikkontrollawh u komplew ifittxulu u komplew isibulu l-istess, pakketti suspettati kokaina u pilloli suspettati ecstasy. Dan ġie arrestat fuq il-post, ġie mogħti t-twissija mill-Ispettur Gabriel Micallef u ġie eskortat lejn il-lock-up.*

Il-**<u>Professur Emanuel Sinagra[12]</u>** xehed li:

*Kien hemm tlett (3) iqratas ta' trab abjad, qishom point three gramms (0.3g) ta' trab f'kull waħda. U qartas ieħor bi trab naqra kafellatte ta' point eight gramms (0.8g). F'dawn ma kien hemm l-ebda sustanza illeċita. Ma jfissrix li ma kienetx sustanza dan però ma jirriżultax li hija sustanza kontra l-liġi. Però kien hemm imbagħad żewġt (2) iqratas b'xi tmintax (18)-il pillola blu u qed ngħid xi ħaġa approssimattiva minħabba li kien hemm biċċiet minn,*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Sewwa, x'irriżultalek fuqhom dawn?*

*<u>Xhud</u>:*

*Dawk kellhom is-sustanza MDMA, Ecstasy jiġifieri. Kif ukoll kien hemm erba' (4) pilloli f'qartas ieħor fejn dawn ukoll instabet l-MDMA.*

[12] Seduta tal-24 ta' Ottubru 2017

L-imputat **Brian Caruana**[13] xehed li:

*Dr Michael Sciriha: Sewwa. Dak iż-żmien, qed nitkellmu fil-karnival tat-two thousand and fourteen (2014), inti kont tlajt Għawdex; tgħidilna għalfejn tlajt Għawdex?*

*Ix-xhud: Skużi?*

*Dr Michael Sciriha: Tgħidilna għalfejn tlajt Għawdex?*

*Ix-xhud: Għamilt bħal ħaddieħor hux! Tlajt għall-karnival.*

*Il-Qorti: Wieġeb sewwa! Għax il-komportament diġà... "bħal ħaddieħor."! Wieġeb lill- avukat tiegħek sewwa, għax il-komportament tiegħek diġà qed idejjaqni kif qed twieġeb.*

*Ix-xhud: Bħalma jitla' ħaddieħor għall-karnival.*

*Dr Michael Sciriha: Kienet xi festa dakinhar?*

*Ix-xhud: Għall-karnival.*

*Dr Michael Sciriha: Eh?*

*Ix-xhud: Mhux karnival kien! Tal-karnival.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, inti tiftakar li kont ġejt arrestat dakinhar.*

*Ix-xhud: Iva.*

*Dr Michael Sciriha: Tiftakar għalfejn kont ġejt arrestat?*

*Ix-xhud: Skont il-pulizija għad-drogi.*

*Dr Michael Sciriha: Ok. Issa, tiftakar il-ħin u fejn ġejt arrestat jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud: Ġo klabb.*

*Dr Michael Sciriha: Sewwa.*

*Il-Qorti: Fejn hu l-klabb?*

*Dr Michael Sciriha: Tiftakar x'kien jismu l-klabb?*

*Ix-xhud: Ir-Rabat, jekk mhux sejjer żball, l-ex Pyramid.*

[13] Seduta tad-19 ta' Mejju 2021

*Dr Michael Sciriha: Ex Pyramid. Ok. Tista' tispjega dan il-lokal kif inhu mqassam jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud: Wieħed mill-ikbar clubs ta' Għawdex sa fejn naf jien.*

*Dr Michael Sciriha: Ok. Imma hemm xi venues oħra ġo fih? Tista' tgħidilna? Jinfed ma' x'imkien ieħor?*

*Ix-xhud: Mela, jiena narma s-sound ukoll xogħli, tipo hemmhekk jinqasam fi tnejn; dak iż-żmien kien qiegħed f'żewġ events, fl-istess jiġifieri complex, kien hemm żewġ events sort of, il-promoters jiġifieri nafhom kollha jien.*

*Dr Michael Sciriha: Tafhom kollha. Issa, dakinhar Għawdex, kien hawn ftit nies, ħafna nies, ir-Rabat kien hawn nies? Tiftakar jekk kienx hemm?*

*Ix-xhud: Normalment kif ikun hemm Għawdex hux, in-nies tal-karnival bħal Santa Marija hux il-karnival. Naħseb kulħadd jaf li jkun mifqugħ bin-nies għax lanqas tkun tista' timxi.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, meta arrestawk, tiftakar f'liema parti tal-lokal, tal-post jiġifieri f'liema parti kont jekk jogħġbok? F'liema biċċa tiegħu?*

*Ix-xhud: Mela, inti u dieħel, hemmhekk għandek il-bar kien qiegħed fuq il-left, jiena kont qiegħed fuq ir-right dieħel għal ġo passaġġ.*

*Dr Michael Sciriha: Għal li jista' jkun, tiftakar jekk kienx hemm nies jew le dakinhar? Fil-lokal, vojt kien, kien hemm in-nies, ma kienx hemm nies?*

*Ix-xhud: Ifhimni, hemmhekk suppost jesa ippakkjat, if I am not wrong, it is around two thousand three hundred (~ 2,300); maybe there was eight hundred (800)?*

*Dr Michael Sciriha: Kien hemm xi tmien mitt (~ 800) ruħ. Issa, f'dik is-serata, dak il- post, inti kemm kont ilek hemm bejn wieħed u ieħor, qabel ma arrestawk?*

*Ix-xhud: Ifhimni, issa għadda daqsxejn żmien, tipo siegħa.*

*Dr Michael Sciriha: Kont ilek siegħa hemmhekk.*

*Ix-xhud: Xi ħaġa hekk.*

*Dr Michael Sciriha: Kwistjoni tal-Pyramid,*

*Ix-xhud: Skużi?*

*Dr Michael Sciriha: Dan il-Pyramid, dan il-lokal, tiftakar kif kien? Imdawwal? Mudlam? Ħafna nies?*

*Ix-xhud: It's a club hux.*

*Dr Michael Sciriha: Eh?*

*Ix-xhud: It's a club.*

*Dr Michael Sciriha: Jiġifieri?*

*Ix-xhud: Id-dawl ikun, tipo, mhux ħa jkun qiegħed bħal hawnhekk, mhux ħa jkun qegħdin dlam, ikun li tara, kif naqbad ngħidlek? It's like in a tunnel, let's say it like this.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, hawnhekk kien hawn min kien xehed li l-klabb kien baħħ minn nies. Kien vojt? Tista' tispjega jekk kienx vojt jew le dan?*

*Ix-xhud: Żgur li le, hija farsa hux. Biss biss għamilt xi ten minutes (~ 10min.) biex dħalt jiena.*

*Dr Michael Sciriha: Inti ħadt ten minutes biex dħalt.*

*Ix-xhud: Fil-queue, eħe. U għamlulna search, eh, aħna u deħlin.*

*Dr Michael Sciriha: Intom u deħlin –*

*Ix-xhud: aħna u deħlin għamlilna search.*

*Dr Michael Sciriha: Min għamillek is-search?*

*Ix-xhud: Il-pulizija li kien hemm.*

*Dr Michael Sciriha: Rigward il-pulizija li kien hemm, il-pulizija kienu staqsewk xi domandi fuq xi pilloli, fuq x'sejjer tagħmel b'xi pilloli jew b'xi qratas, inti x'għandek xi tgħid?*

*Ix-xhud: Wara li ġejt arrestat, nagħmel l-istatement?*

*Dr Michael Sciriha: Eħe.*

*Ix-xhud: Mhumiex tiegħi hux, m'għandix għalfejn nirrispondi għal xejn.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, meta inti tgħid li mhumiex tiegħek, kien hawn hawnhekk xi ħadd li xehed li rak tarmihom, toħroġhom moviment minn ġol-but u tarmihom. Int x'għandek xi tgħid fuq hekk?*

*Ix-xhud: Żgur li le, naħlef fuq ommi.*

*Dr Michael Sciriha: Illi dawn mhux tiegħi.*

*Ix-xhud: Mija fil-mija.*

*Dr Michael Sciriha: U lanqas kienu għandek?*

*Ix-xhud: Żgur li le.*

*Dr Michael Sciriha: Hemm domanda fl-istatement li tgħid hekk: "Ara ngħid sew li inti xħin rajt lill-pulizija, cioé malli ġew jarrestawk bdejt tirreżistihom?" U inti irrispondejt hekk: "Irreżistejt għax kien hemm wieħed mimmhom sabbattli wiċċi mal-ħajt. U t-tieni darba sabbtuli wiċċi mal-art. Ovvja li mbagħad tirreżisti xi ftit, però m'għamiltx hekk bi ksuħat. Li nixtieq ngħid li dawn in- nies lanqas naf kemm kienu b'kollox. Naħseb li kienu aktar minn tmienja (>8) qabdu u ġew fuqi, ma kinux lebsin normali u lili ħasduni." Jiġifieri hawn inti x'qed tgħid?*

*Ix-xhud: Dan qed ngħidu fuq l-istatement, right?*

*Dr Michael Sciriha: eħe.*

*Ix-xhud: Hemmhekk qed ngħid mhux normali għax kienu nies qishom tipo lebsin bħalna qisu tipo dak it-tip, ikun lebsin mhux bħal pulizija normali,*

*Dr Michael Sciriha: ma kinux jiġifieri bl-uniformi qed tgħid int?*

*Ix-xhud: Eżatt, eżatt.*

*Dr Michael Sciriha: Ok. U x'ġara?*

*Ix-xhud:* *Basically li ġara waqt li kont qiegħed għaddejt, jien kont qisni daqsxejn fis- sakra u kont nixtieq naqla'; dħalt ġot-toilet u kien hemm daqsxejn ta' nies, ftakart li kien hemm ieħor, dort sort of keep going a bit straigħt, someone from my side came knocked me out on the wall, I turned around, like I told the inspectors I am not strong, I thougħ this is someone – nista' ngħidha hawnhekk?*

*Dr Michael Sciriha: X'inhi?*

*Ix-xhud:* *Ħsibtu xi ħadd li kont qed immurlu mal-mara, għax kelli argument, tipo vera hekk, ex il-mara tiegħu, whatever. Insomma, basically kif ġrat il-biċċa tax- xogħol ma kinitx bħal meta kelli xi darbtejn oħra kelli x'naqsam ma' CID jiġi fuqek, "Hi Brian!" għax ikunu jafu ismek, eżempju, "CID, can I talk with you?"*

*Dr Michael Sciriha: Kif għidt inti, meta għidt "mhux bi ksuħat,"*

*Ix-xhud:* *Jiena mhux bi ksuħat għamiltha ovvja hux.*

*Dr Michael Sciriha: Għaliex għamiltha, allura?*

*Ix-xhud:* *Jekk sabbatni mal-ħajt! Irrijektjajt hux, instantli dak il-ħin, ma tajtx kas.*

*Dr Michael Sciriha: Ok. Issa, hawnhekk imbagħad reġgħet saritlek domanda fl- istatement: "Ara tikkonferma li l-pilloli li kellek fil-pussess tiegħek huma..."*

*Ix-xhud:* *mhux tiegħi! Ma kinux tiegħi! Lanqas idea x'kienu, aħseb u ara!*

*Dr Michael Sciriha: Hawnhekk hawn ukoll saret id-domanda "x'kont se tagħmel b'dawn il-pilloli?" Ħalli nikklerjaw din il-biċċa xogħol.*

*Ix-xhud:* *Jekk m'humiex tiegħi u m'għandix x'naqas magħhom, x'nista' nagħmel ma' dawn il-pilloli li qed jgħidu!?*

*Dr Michael Sciriha: Staqsewk ukoll mingħand min xtrajthom. Inti x'għandek xi tgħid?*

*Ix-xhud: L-istess kliem li għadni kemm għidt issa hux; m'għandix x'naqsam magħhom u m'għandix xi ngħid.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, hawnhekk jiġifieri hawnhekk kien hawn WPS 44 li tgħid li –*

*Il-Qorti: xehdet darbtejn.*

*Dr Michael Sciriha: Eħe. Li tgħid li inti tgħid li bdejt tarmi l-affarijiet. X'għandek xi tgħid fuq hekk?*

*Ix-xhud: M'għandix idea. Emminni, ma niftakarx li kien hemm... aħna qegħdin nitkellmu, meta tgħid xehdet qed tgħid bħala mara?*

*Dr Michael Sciriha: Eħe.*

*Il-Qorti: Surġent tal-pulizija.*

*Dr Michael Sciriha: Mara.*

*Il-Qorti: Xehdet darba, imbagħad reġgħet ġiet għall-kontro eżami, darbtejn.*

*Ix-xhud: Nista' nsaqsi mistoqsija? Bħala xehdet hija mara?*

*Dr Michael Sciriha: Eħe, iva.*

*Ix-xhud: Definitely meta kien hemm dan ir-raġel, il-pulizija meta qegħdin ngħidu, hux hekk? Għax dan kien CID. Li ħabbatni ma', whatever it was insomma, li ġara l-argument u hekk, niftakar fiċ-ċar kristall dak il-ħin kienu wieħed u qisu kien hemm xi ħadd miegħu, ma niftakarx eżatt kif kienu eżatt, però ma niftakarx li kien hemm xi mara; setgħet kien hemm mara għax ifhimni waħda, ħeqq, nisa u rġiel kien hemm madwari, però ma niftakarx jekk ma kienx xi, whatever it is, ma nistax ngħidlek, inkun qed nigdeb hux.*

*Dr Michael Sciriha: Tiftakar din is-Sinjura kinitx hemm jew le int?*

*Ix-xhud:* *Emminni, kien hemm ħafna nies u dak il-ħin waqt l-argument ma nistax ngħid jekk hix din il-mara jew le, inkun qed nigdeb jekk ngħidlek iva fil-verità.*

*Dr Michael Sciriha: Din kienet qed tgħid li ratek toħroġ xi ħaġa mill-but –*

*Ix-xhud:* *żgur li le. Jekk qed tgħid hekk, qed tigdeb, mija fil-mija.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, u kien hawn xi ħadd ieħor ukoll li xehed hekk, li rak tagħmel moviment u rak toħroġ xi ħaġa mill-but –*

*Ix-xhud:* *qed nitkellmu fuq raġel hekk.*

*Dr Michael Sciriha: Eħe.*

*Ix-xhud:* *Żgur li le. Inti din il-persuna li kellha x'taqsam fl-argument jew xi ħaġa oħra?*

*Dr Michael Sciriha: Kienet hemmhekk preżenti.*

*Ix-xhud:* *All right, all right, all right.*

*Dr Michael Sciriha: Pulizija qed nitkellmu.*

*Ix-xhud:* *Pulizija. Minn naħa tiegħi żgur li le.*

*Dr Michael Sciriha: Jiġifieri inti l-pożizzjoni tiegħek hija ċara,*

*Ix-xhud:* *hundred percent.*

*Dr Michael Sciriha: Sewwa. Hawnhekk ġie esebit xi pakkett sigaretti tal-Pal Mal,*

*Ix-xhud:* *m'għandix idea; ma niftakarx eżatt, imma niftakar li kien hemm xi affarijiet –*

*Dr Michael Sciriha: inti x'tip ta' pakketti ta' sigaretti tuża jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud:* *Jien x'inpejjep?*

*Dr Michael Sciriha: Eħe. Tpejjep l-ewwel ħaġa int?*

*Ix-xhud:* *U żgur li npejjep.*

*Dr Michael Sciriha: Eħe. U xi tpejjep?*

*Ix-xhud:* *Rothmans blue.*

*Dr Michael Sciriha: Rothmans Blue. Jiġifieri Pal Mal qatt ma jkollok pakketti fuqek?*

*Ix-xhud: Rothmans blue, inti meta tpejjep, tpejjep wieħed hux.*

*Dr Michael Sciriha: Jiġifieri pakketti tal-Pal Mal –*

*Ix-xhud: ma npejjiphomx.*

*Dr Michael Sciriha: Ok.*

*Ix-xhud: Ilni minn meta kont żgħir inpejjep ir-Rothmans.*

*[…]*

*Dr Michael Sciriha: Issa, ħaġa żgħira, l-ewwel ħaġa, l-inċident, hawnhekk kien hawn min xehed li l-inċident ġara bejn is-sagħtejn u nofs u t-tlieta neqsin ħamsa ta' filgħodu (2.30 a.m. – 2.55 a.m.). Dan l-inċident li sar l-arrest tiegħek, tiftakar fi xħin kien sar jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud: Bejn nofsillejl u s-siegħa (00.00 – 1.00).*

*Dr Michael Sciriha: Jiġifieri mhux –*

*Ix-xhud: Mhux wara s-siegħa, mhux qabel nofsillejl żguri.*

*Dr Michael Sciriha: Issa, meta ġara dan l-arrest, tispjega kif ġara l-inċident? Int kont hemmhekk, u x'ġara? Kif ġara eżatt?*

*Ix-xhud: Kif diġà għidtlek hux.*

*Dr Michael Sciriha: Ħu paċenzja bija.*

*Ix-xhud: Noqgħodu nidħlu fid-dettal! Kif diġà għidtlek jien kont qiegħed hemmhekk, kont qed nixrob, obviously, all right, obviously kont qiegħed in-natura, Għawdex, konna qegħdin ħbieb, aħna konna qegħdin klikka u hekk. Basically – ngħidha kollha mela – basically jiena u nieżel minn post from A to B jiġifieri minn naħa ta' fejn jagħmlu l-karrijiet hawn u fejn kien hawn dan il-klabb insomma, basically inċamajt wieħed tipo kien*

*qiegħed liebes tipo ta' xi jacket ta' mustarda jew lime, xi ħaġa hekk kienet. U min kien qiegħed miegħi qalli, "Pupp!" Għidt, "Il-liba man!" U għamilli waħda tipo ta' żewġ sinjali, indunajt, għax din ma' min kont qiegħed insomma dan,*

*Dr Michael Sciriha: mat-tfajla li kellek.*

*Ix-xhud: Ħabiba tiegħi, mhix tfajla.*

*Dr Michael Sciriha: U iva, ħabiba.*

*Ix-xhud: Friends hu. U tipo fil-verità mhux magħha. U tipo anke hu kien daqsxejn fis- sakra, u qalli xi ħaġa, u jiena għidthielu lura tipo, u għidtlu, "u ejja ma noqgħodux indaħħqu!" Bqajna sejrin. U bqajna nixorbu, hekk, jien kont qiegħed jiġifieri, mhux qiegħed waħdi fil-verità...*

*Dr Michael Sciriha: imbagħad mort hemmhekk.*

*Ix-xhud: Issa, jien tipo ħassejtni a bit dizzy, mhux dak id-dizziness u hekk, kien hemm daqsxejn żgħira ta' foga, u biex noħroġ 'il barra ridt noqgħod noħroġ il-queue, noqgħod nieħol 'il ġewwa u dawk l-affarijiet li s-soltu hemmhekk ta' Għawdex taf kif ikun daqsxejn, għidt ħa nara ħa mmur naqra fuq wara, tipo kif għaddej minn wara kien hemm it-toilets u kien hemm daqsxejn tan- nies u għidt "u le, ħa ngħaddi 'l hemm," tipo ridt naqla', tipo, u kulma sibt dak it-toilet niftakar pixxina, niftakarha ċara, għidt "ħa mmur in-naħa l-oħra," għidt, "issa nidħol hemm jew nidħol f'tan-nisa," whatever, dak il-ħin. In a split of a second, wara ftit, ġara li ġara hux.*

*Dr Michael Sciriha: Jiena nerġa' nagħmillek l-istess domanda: Inti għamilt xi movimenti? Daħħalt idek mill-but, xi ħaġa, biex tarmi xi affarijiet?*

*Ix-xhud: Ifhimni, jiena kont miexi, tipo, jekk għamilt xi moviment ta' xi ħaġa, ma nistax ngħidlek eżatt x'għamilt, imma mhux dak il-moviment li qed jgħidu jiena qbadt xi ħaġa u armejtha. Dik żgur li le.*

*Dr Michael Sciriha: Hawn hawn allegazzjoni illi inti kellek dawn il-qratas fuqek u l- pilloli. X'għandek xi tgħid fuqha din?*

*Ix-xhud: Kif diġà għidt hu.*

*Dr Michael Sciriha: Jiġifieri?*

*Ix-xhud: M'għandix għalfejn nirrepeti. Diġà għidtha l-kelma. M'għandix x'naqsam magħhom!*

*Dr Michael Sciriha: Ma kinux tiegħek.*

*Ix-xhud: U żgur li le!*

*Dr Michael Sciriha: Kienu fuqek?*

*Ix-xhud: U żgur li le!*

*Dr Michael Sciriha: All right. Issa, rigward, ħa nsaqsik xi ħaġa, inti tbagħti b'saqajk jew b'xi ħaġa, b'xi uġigħ?*

*Ix-xhud: Iva, iva.*

*Dr Michael Sciriha: U jiena, sewwa, narak... trid tgħidli inti, inti trid tispjegali, li anke ma tistax tiġri u tbagħti ħafna biex timxi?*

*Ix-xhud: Ħee, Iva.*

*Dr Michael Sciriha: U dan naqblu li kien, aw, mhux naqblu, tista' tgħidilna jekk kienx kawża ta' xi accident li kellek għal li jista' jkun?*

*Ix-xhud: Iva, Dott, taf li accident.*

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Il-Qorti tqis li dan il-każ hu mibni fuq ix-xhieda tal-pulizija li wettqu r-*raid* fil-club inkwistjoni, l-analiżi li għamel l-espert Professur Emanuel Sinagra u x-xhieda tal-imputat.

Il-Qorti wara li analizzat b'reqqa x-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija u dik tal-imputat, tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supretendent Kevin J. Farrugia) vs Carmelo Callus Jason Callus**[14] meta ċċarat aktar dwar kif Ġudikant għandu jipproċedi meta jkun hemm kunflitt ta' verżjonijiet:

> *"Din il-Qorti hasset il-htiega illi ticcara li dak li sal-lum kienet meqjusa bhala regola tal-mod kif ghandha tipprocedi l-Qorti jew l-imhallfin tal-fatti fil-guri meta si tratta ta' konflitt ta' verzjonijiet, muhiex rizultat ta' xi provediment tal-ligi li espressament jghid dak ritenut mis-sentenzi citati. Huwa pjuttost process naturali tal-bon sens li jirrikjedi li f'kaz ta' divergenzi fix-xhieda, il-gudikant ghandu jara, skond il-provi mressqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, minn minnhom ghandu jkun emnut. Wara kollox il-process penali hafna drabi hu kompost minn sitwazzjonijiet konflingenti jew ghaliex l-imputat jew ix-xhieda jghidu hwejjeg li huma kontrastanti ghal-verzjoni tal-prosekuzzjoni jew ghaliex il-fatti emergenti mill-process ma jaghmlux omagg ghad-deposizzjoni ta' uhud jew ghall-fatti imputati. Il-gudizzju huwa ghalhekk fdat f'idejn il-Magistrat jew l-Imhallfin tal-fatti fil-guri bil-kawtela illi fejn il-konflitt huwa tali li ma jistghux jasslu ghal-konkluzzjoni li verzjoni minnhom tant ghandha mis-sewwa li biha tista' tinstab htija allura mbaghad japplika l-principju in dubio pro reo u jghaddu ghal-liberazzjoni. Dan fil-fatt hu rifless fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 meta jghid : "**.....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.**""*

[14] Appell Nru. 534/2014 deċiż mill-Imħallef Giovanni M Grixti fl-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti tħoss li aktar għandha mis-sewwa x-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija u dan wara li żammet f'moħħha artikoli 636 u 638 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Professur Emanuel Sinagra filwaqt li kkanferma li l-pilloli maqbuda kienu ecstasy, it-trab elevat ma kellux sustanza ta' kokaina jew xi droga oħra illeċita u għalhekk it-tieni imputazzjoni mhux se tirriżulta.

Mix-xhieda kemm tal-uffiċjali tal-pulizija kif ukoll tal-imputat jirriżulta li l-post fejn inqabad l-imputat bid-droga huwa post li jiffrekwentaw iż-żgħażagħ.

Tmintax-il pillola ecstasy żgur ma kinitx għall-użu personali u għalhekk instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena bħala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.***

Illi allura min hu msejjaħ biex jiġġudika ma għandux iħares biss l-interessi tal-persuna kkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-soċjeta' in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkommetti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti l-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel reparazzjoni għall-ħażin li jkun għamel.

Jingħad ukoll li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[15]

[15] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni għax ma tirriżultax u minnha tilliberah, u wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) u artikoli 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ssibu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah sena (1) priġunerija u sitt mitt ewro (€600) multa.

Finalment, il-Qorti wara li rat artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat iħallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u disgħin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 298.54) bħala spejjeż peritali.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud**<br>**Maġistrat** | **Joseph Grech**<br>**Deputat Reġistratur** |